# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru 2001

**Numru**

**Citaz. numru: 1274/92 A1 NA**

**Noel Ellul bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd., u dina bhala agenti f'Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha s-socjeta' Muscats Motors Limited; u b'nota tas-6 ta' Lulju 1994 Dottor Joseph Zammit McKeon assuma l-atti tal-kawza flok Noel Ellul**

**vs**

**Commendatore Silvio Mifsud u Adrian Mifsud bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' S. Mifsud & Sons Ltd. agenti Malta ta' 1921 Ignazio Messina & C. S.p.a. amaturi tal-vapur JOLLY ARANCIONE**

**U**

**Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "The Cargo Handling Co. Ltd."**

**Il-Qorti,**

Illi b'citazzjoni prezentata fit-30 ta' Settembru, 1992, l-attur nomine ppremetta:

"Illi s-socjeta' Muscats Motors Limited importat mill-Italja tnax-il (12) vettura tal-marka Alpha Romeo 33 li gew trasportati lejn Malta fuq il-vapur JOLLY ARANCIONE kif jirrizulta mill-annessa polza ta' kariku markata Dok. 1;

Illi wara l-wasla tal-bastiment f'Malta fil-11 ta' Ottubru, 1991, meta l-importatur mar jiehu konsenja tal-vetturi fuq imsemmija, irrizulta li kien hemm in-nuqqas u hsara li hemm elenkati fis-Schedule tal-Information Form tal-Institute of London Underwriters datata 11 ta' Novembru, 1991, anness u markat bhala Dok. 2;

Illi ghal dan in-nuqqas u hsara l-assikurazzjoni attrici, kif obbligata, hallset is-somma ta' erba' mija u tletin lira u hamsin centezmi (Lm430.50) li minnhom tmienja u erbghin lira

(Lm48.00) kienu survey fees, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tad-ditta importatrici kif jirrizulta mill-annessi surrogi datata 30 ta' Novembru, 1991, u markata Dok. 3 u Dok. 4 rispettivament;

Illi l-konvenuti nomine, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-imsemmi nuqqas u hsara;

TALAB lill-Qorti sabiex:-

1. tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghan-nuqqas u hsara fuq riferiti; u

2. tikkundannahom, jew min minnhom, biex ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' erba' mija u tletin lira u hamsin centezmu (Lm430.50) in linea ta' danni sofferti mill-importatur u surrogati lill-attur nomine, bl-interessi mit-30 ta' Novembru, 1991, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.”

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet prezentata fit-28 ta' Ottubru, 1992, il-konvenut Godwin Abela nomine eccepixxa li:-

1. “Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd., ma hija bl-ebda mod responsabbli ghall-allegati danni u hsarat fil-vetturi 'de quo'.

2. Illi fit-tieni lok ghandha tigi pruvata l-allegata surroga.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma esagerati.

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi pruvat kif, meta u minn min sar l-allegat hlas ta' l-allegati danni.

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess l-interessi jiddikorru mid-data tac-citazzjoni stante li si tratta dwar kawza ta' danni. (sentenza ta' l-Appell Sede Kummercjali deciza fis-sitta ta' April, 1992 - Citaz. Nru.

112/86, Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Chiv. Silvio Mifsud, Godwin abela u John Cavallo).

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghall-premess is-Survey Fees allegati, ma jistghux jigu riklamati stante li m'humiex danni ta' l-assikurat."

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet prezentata fl-4 ta' Novembru, 1992, il-konvenuti Commendatore Silvio Mifsud u Adrian Mifsud nomine eccepew li:-

1. "Illi in kwantu d-domandi attrici huma diretti kontra s-socjeta' eccipjenti, dawn ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante li huma ma humiex responsabbli ghall-allegati hsarat billi huma qdew fedelment l-inkarigu taghhom li jgorru l-merkanzija mill-port tal-karikazzjoni sa dak ta' Malta, u dan kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazjoni tal-kawza.

2. Salvi eccezjonijiet ohra."

Illi b'digriet tat-22 ta' Frar, 1993, gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia sabiex jigbor il-provi.

Illi b'nota prezentata fis-6 ta' Lulju, 1994, l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon assuma l-atti ghan-nom tas-socjeta' attrici minflok Noel Ellul.

Illi fit-3 ta' Ottubru, 1995, il-konvenut Godwin Abela nomine prezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri fejn eccepixxa:-

1. “Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjojnijiet gia' sollevati, l-konvenut Godwin Abela nomine m'hux responsabbli ghall-allegati danni / nuqqas u dan ai termini ta' l-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 (Amended by Legal Notice 28/73) peress li tali merkanzija hija meqjusa bhala 'units' u tinghata biss ricevuta bhala tali 'units'.

2. Illi ai termini ta' l-Artikolu 6 (3) (a) (v) tal-Port Ordinance 1962 la darba tali merkanzija kienet meqjusa bhala 'units' dan l-artikolu jezimi ovvjament lis-socjeta' konvenuta minn kull responsabilita'.

3. Illi wkoll ai bazi ta' l-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations 1966, l-impurtatur jaf li tali merkanzija tinhazen 'in the open and always at the sole risk of the

owner' u ghalhekk anke f'dan il-kaz, is-socjeta' konvenuta mhux responsabbli.

Illi b'nota prezentata fl-10 ta' Marzu, 1999, l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon ghan-nom u in rapprsentanza tas-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta' Muscat Motors Limited assuma fil-vesti ta' attur fil-kwalita' tieghu premessa l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd.

**<u>Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-Attur Nomine</u>**

Illi l-attur nomine sostna li mill-provi u precizament mill-'joint tally' li sar minn rapprezentanti taz-zewg konvenuti meta l-vetturi kienu niezlin minn abbord, u qabel ma l-vetturi ghaddew fil-kustodja tal-Cargo Handling, dawn il-vetturi ma kellhomx nuqqasijiet u hsarat hlief li tnejn mill-vetturi ma kienux jissakkru. Mis-'survey' li sar minn Jean Claude Chetcuti ghan-nom tas-socjeta' attrici (a. fol. 6 tal-process) u dan erbat ijiem wara li l-vapur kien wasal Malta gew riskontrati diversi nuqqasijiet. Il-vetturi gew konsenjati lill-importatur bin-

nuqqasijiet elenkati fir-rapport ta' Jean Claude Chetcuti (a. fol. 6) izda fil-'Gate Pass Out' hemm indikat biss nuqqas ta' tmien 'badges' u tmien 'hubcups' u cioe' nuqqasijiet ferm anqas minn dawk indikati fir-rapport ta' Chetcuti. Sandro Bugeja li kien ir-rapprezentant tas-socjeta' Muscats Motors Limited u addett mill-procedura tal-'Gate Pass Out' ikkonferma li n-nuqqasijiet kienu ferm anqas minn dawk indikati fil-'Gate Pass Out' izda kienet decizjoni unilaterali tal-Cargo Handling li ma tindikax in-nuqqasijiet kollha.

Illi l-attur nomine jsostni li huwa rnexxielu jipprova li n-nuqqasijiet u hsarat sehhu fiz-zmien li l-vetturi kienu fuq il-moll fil-kustodja tal-Cargo Handling wara li nizlu mill-vapur sakemm gew konsenjati lill-importatur. Il-Cargo Handling kellha kull opportunita' li tibghat rapprezentant taghha waqt li kien qed isir is-'survey' fuq il-moll sabiex dan jissorvelja dak li kien qed isir - aktar u aktar meta wiehed jikkunsidra li l-vetturi kienu fil-pussess taghha - pero' naqset milli taghmel hekk. Huwa jghid ukoll li fuq bilanc ta' probabilitajiet l-assenza ta' rimarki mill-'Gate Passes Out' huwa fatt li m'ghandux idghajjef il-kaz tas-socjeta' attrici. L-attendibilita' tas-'survey' tibqa' intatta tenut kont li bhala fatt irrizulta kemm f'din il-kawza kif ukoll f'kawzi ohra b'mertu simili li hsarat u nuqqasijiet ma jigux

indikati fil-'Gate Pass out' mhux ghaliex ma jirrizultawx izda ghaliex ikun hemm rifjut mill-Cargo Handling. F'dan ir-rigward, l-attur nomine ghamel riferenza ghal zewg sentenzi tal-Qorti tal-Appell wahda tas-16 ta' Dicembru, 1993, fil-kawza fl-ismijiet 'Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs John E. Sullivan et noe et' (LXXVII.II.319) u l-ohra aktar recenti tas-16 ta' April, 1999, fil-kawza fl-ismijiet 'Avukat Dottor Robert Staines noe vs James Gollcher et noe' (Citaz. Nru. 774/92).

Dwar il-kwistjoni tar-rifuzjoni tas-'Survey Fees' l-attur nomine jghid li dawn huma risarcibbli ghaliex gew inkorsi ghall-beneficcju tal-assikurat u jiccita sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-28 ta' April, 1995, fil-kawza fl-ismijiet 'Noel Ellul nomine vs Godwin Abela nomine (Citaz. Nru. 1047/92) fejn il-Qorti qalet "…. huwa formalizmu esagerat li jigu eskluzi s-'survey fees' meta dawn effettivament huma spiza accessorja u necessarja nkorsa biex jigu stabbiliti d-danni u ghalhekk ghandhom jigu maghduda mad-danni.”

L-attur nomine jsostni li huwa ghandu dritt jitlob ir-rifuzjoni tas-'survey fees' ghal kull vettura indipendentement minn numru ta' vetturi li jinstabu bil-hsara jew nuqqas u dan ghaliex is-

'survey' li jsir 'ex parte' da parti tal-assikurazzjoni huwa mehtieg mhux biss sabiex jissalvagwardja l-interessi tal-istess socjeta' assikuratrici, izda huwa anki mehtieg fl-interess ta' dawk il-persuni li kontra taghhom tista' ddur l-assikurazzjoni f'kaz ta' reklam ghal nuqqas jew hsara. L-attur nomine jghid ukoll li s-'survey' isir sabiex jimla l-vojt li thalli l-inerzja tal-Cargo Handling li ma taghmilx spezzjoni akkurata tal-vetturi meta dawn ikunu fil-kustodja taghha. "Bir-reklam taghha ghas-somma intiera materjalment sborsata minnha, l-assikurazzjoni bl-ebda mod ma qed tmur kontra l-obbligu li timminimizza d-danni".

L-interessi ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni in linea mal-ahhar gurisprudenza, jghid l-attur.

Dwar ir-Regolamenti tal-Port, l-attur nomine isostni li l-Art. 70(3), l-Art. 90 u Schedule 13 tar-Regolamenti tal-Port 1966 (kif emendati bl-AL 28/7(3) kif ukoll Art. 6(3) tal-Port Ordinance 1962, ma jezonerawx lill-Cargo Handling mir-responsabilita' u f'dan ir-rigward l-istess attur nomine jaghmel riferenza ghal sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-12 ta' Ottubru, 1995, fil-kawza fl-ismijiet 'Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Neville Mifsud et noe et'

(Citaz. Nru. 1643/92 AM) b'ezitu sfavorevoli ghall-Cargo Handling fejn inghad is-segwenti:-

> *"Fil-fehma taghha, l-Artikoli nvokati mis-socjeta' konvenuta ma jezimuhiex mir-responsabilita' taghha ghaliex il-fatt li l-merkanzija hija meqjusa bhala units ma jfissirx li s-socjeta' konvenuta tista' impunement tikkonsenja vetturi zarmati mill-accessorji taghhom meta jirrizulta li hija tkun irceviethom bl-accessorji soliti taghhom. Tant hu hekk li anke s-socjeta' konvenuta meta jsir it-tallying tnizzel in-nuqqasijiet li jirrizultaw fuq il-vetturi allavolja huma konsiderati bhala units. Lanqas il-fatt li l-merkanzija tinhazen in the open and always at the sole risk of the owner ma jezimi lis-socjeta' konvenuta mill-att kriminali ta' l-impjegati taghha jew ta' terzi bhallikieku l-merkanzija flok fil-kustodja taghha kienet abbandunata f'xi ghalqa".*

**<u>Nota ta' l-Osservazzjonijiet tal-Konvenut Mifsud nomine</u>**

Il-konvenut Mifsud nomine jghid li r-responsabbilta' tieghu testendi mill-mument li l-merkanzija titghabba fuq il-vapur sal-mument li tigi skarikata u kwindi ma tista' qatt tigi estiza ghal

qabel dan il-perijodu jew ghal warajh. Mill-provi prodotti, jirrizulta ampjament li l-vetturi in kwistjoni gew skarikati minn fuq il-vapur fl-istess kundizzjoni li kienu fiha meta dawn ittellghu fuqu u l-fatt li zewg vetturi ma kienux jissakkru certament mhux responsabilita' tieghu, jkompli jghid Mifsud nomine. Una volta li gie pruvat li l-vetturi nizlu minn fuq il-vapur fl-istess kundizzjoni li fiha ttellghu, ir-responsabbilta' tal-vapur tispicca hemm u kwalsiasi hsara ohra li setghet giet riportata fil-merkanzija zgur ma tistghax tigi attribwita lil Mifsud nomine.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

Illi l-kaz jirrigwarda nuqqasijiet u hsarat fi tnax-il (12) vettura importati mill-Italja fuq il-bastiment Jolly Arancione, liema vapur wasal Malta fil-11 ta' Ottubru, 1991.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li meta l-vetturi gew skarikati minn fuq il-vapur dawn ma kellhomx nuqqasijiet u hsarat hlief li zewg vetturi ma kienux jissakkru sewwa. Dan jirrizulta mill-'joint tally' li sar minn rapprezentanti taz-zewg konvenuti. Dan jindika li fil-mument li l-vetturi gew skarikati u mghoddija fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd.

il-vetturi ma kellhomx nuqqasijiet jew hsarat salv li tnejn mill-vetturi ma kienux jissakkru.

Illi jirrizulta ampjament li l-konvenuti Mifsud noe m'humiex responsabbli ghall-hsarat u nuqqsijiet reklamati mill-attur u dan stante li kif intqal aktar il-fuq mill-'joint tally sheet' maghmula mir-rapprezentanti taz-zewg konvenuti u cioe' l-SMS u l-Cargo Handling, il-vetturi in kwistjoni gew skarikati minn fuq il-vapur u mghoddija fil-kustodja tal-Cargo Handling Co. Ltd. minghajr nuqqasijiet u hsarat hlief li zewg vetturi ma kienux jissakkru sew. L-attur nomine ma ressaq ebda prova li tista' tindika li l-armatur huwa b'xi mod responsabbli ghal din il-hsara fiz-zewg vetturi.

Illi una volta stabbilit li l-vetturi in kwistjoni gew konsenjati f'idejn il-konvenut Godwin Abela nomine f'kundizzjoni tajba u li ghalhekk huwa responsabbli ghall-hsarat u nuqqsijiet riskontrati fl-istess vetturi, jrid issa jigi deciz jekk il-hsarat li ghalihom huwa responsabbli l-konvenut Godwin Abela nomine humiex dawk indikati fil-'Gate Pass Out' jew inkella dawk elenkati fis-'survey' maghmul minn Jean Claude Chetcuti, is-'surveyor' tal-attur nomine (a. fol. 6 tal-process). In-nuqqasijiet indikati fil-'Gate Pass Out' huma sostanzjalment

inqas minn dawk indikati fis-'survey' ta' Jean Claude Chetcuti liema 'survey' sar meta l-vetturi in kwistjoni kienu ghadhom fil-pussess tal-Cargo Handling Co. Ltd.

Il-Qorti wara li ezaminat iz-zewg dokumenti in kwistjoni bir-reqqa, kkonkludiet li l-'Gate Pass Out' gie maghmul b'mod sbrigativ filwaqt li s-'survey' ta' Jean Claude Chetcuti huwa ferm aktar professjonali u akkurat. Il-Qorti thoss li s-'survey report' ta' Jean Claude Chetcuti huwa aktar attendibbli u huwa prova soddisfacenti tan-nuqqasijiet u hsarat riskontrati fil-vetturi. Kif qal ben tajjeb l-attur nomine fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu, is-socjeta' konvenuta setghet facilment tibghat rapprezentant taghha waqt li kien qed jigi esegwit is-'survey' sabiex jissalvagwardja l-interessi taghha.

Huwa veru li l-importatur iffirma l-'Gate Pass Out', izda l-Qrati f'diversi okkazzjonijiet iddecidew li l-'Gate Pass Out' jista' jigi attakkat b'success bi prova kontrarja. Il-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) b'sentenza tas-16 ta' Dicembru, 1993, fil-kawza fl-simijiet 'Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs John E. Sullivan et noe' (Citaz. Nru. 38/93) qalet is-segwenti:-

> "*Ma hemmx dubbju illi l-'Gate Pass Out' hu dokument importanti ghall-kumpanija konvenuta 'Cargo Handling' u kif qalet il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza 'Joseph Felice et noe vs Godwin Abela et noe' (13/4/89), darba dan id-dokument jigi ffirmat u ccertifikat illi l-merkanzija giet 'received in good order and condition', ir-responsabbilta' ta' tali merkanzija tghaddi f'idejn l-importatur. Dana ma jfissirx pero' li dan hu prova fih innifsu ta' awtenticita' assoluta, u jista' jigi attakkat b'success bi prova kontrarja bhal ma del resto jista' jsir b'tally sheet' (ara Camilleri vs Abela et Appell Kummerc 3/12/19991)*".

L-istess kuncett gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament presjeduta f'sentenza tas-27 ta' Novembru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet 'Noel Ellul noe vs James Golcher et noe et' (Citazzjoni Nru. 1273/92 AM).

Illi l-konvenut Godwin Abela noe fin-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tieghu prova jezimi ruhhu mir-responsabilita' ghad-danni sofferti mill-attur nomine billi invoka r-Regolamenti tal-Port 1966 u precizament l-Art. 70 (3), l-Art. 90 ta' Schedule 13 kif ukoll l-Art. 6 (3) tal-Port Ordinance 1962. Din il-Qorti kif diversament presjeduta f'sentenza tat-12 ta' Ottubru, 1995,

filk-kawza fl-ismijiet 'Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Neville Mifsud et noe et noe' (Citaz. Nru. 1643/92 AM), f'kaz b'mertu simili ddecidiet li dawn l-artikoli nvokati mis-socjeta' konvenuta 'ma jezimhiex mir-responsabilita' taghha ghaliex "*il-fatt li l-merkanzija hija meqjusa bhala 'units' ma jfissirx li s-socjeta' konvenuta tista' impunement tikkonsenja vetturi zarmati mill-accessorji taghhom meta jirrizulta li hija tkun irciviethom bl-accessorji soliti taghhom. Tant hu hekk li anke s-socjeta' konvenuta meta jsir it-'tallying' tnizzel in-nuqqasijiet li jirrizultaw fuq il-vetturi allavolja huma konsidrati 'units'. Lanqas il-fatt li l-merkanzija tinhazen 'in the open and always at the sole risk of the owner' ma jezimni lis-socjeta' konvenuta mill-atti kriminali ta' l-impjegati taghha jew ta' terzi bhallikieku l-merkanzija flok fil-'kustodja' taghha kienet abbandunata f'xi ghalqa*".

F'sentenza tas-27 ta' Novembru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet 'Noel Ellul noe vs James Golcher et noe et' (Citaz. Nru. 1273/92 AM) din il-Qorti kif diversament presjeduta f'kaz b'mertu identiku fejn is-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. invokat l-istess Artikoli permezz ta' eccezzjoni f'dan is-sens sabiex tezimi ruhha minn kwalsiasi responsabilita' il-Qorti cahdet din l-eccezzjoni bhala legalment infondata 'fuq il-motiv

li r-Regolamenti invokati mill-eccipjenti ma jezimuhiex mir-responsabilita' taghha "ghaliex il-fatt li l-merkanzija hija meqjusa bhal 'units' ma jfissirx li s-socjeta' eccipjenti tista' impunement tikkonsenja vetturi b'accessorji neqsin meta jirrizulta li hija tkun irceviethom bl-accessorji soliti taghhom. Lanqas il-fatt li l-merkanzija tkun tinhazen 'in the open and always at the sole risk of the owner' ma jezimi lis-socjeta' mir-responsabbilitajiet taghha bhala depozitarja tal-merkanzija, u ghalhekk, hija obbligata li tikkustodixxi l-merkanzija bhala 'bonus paterfamilias' ".

Illi din il-Qorti hija wkoll tal-opinjoni li dawn l-Artikoli tal-Ports Ordinance 1962 u l-Port Regulations 1966 ma jistghux jigu invokati minn Godwin Abela nomine fil-kaz odjern sabiex dan jezimu ruhu mir-responsabilita' ghad-danni stante li kif diga ntqal aktar ‘il fuq gie soddisfacentement pruvat li l-hsarat u n-nuqqasijiet sehhew waqt li l-vetturi kienu fil-kustodja tieghu u huwa ghalhekk naqas milli jezercita l-kura ta' bonus paterfamilias.

Dawn il-kuncetti, l-ordinanza w ir-regolamenti li jemanaw minnha gew ukoll akkuratament ezaminati minn din il-Qorti kif presejduta fil-kawzi fl-ismijiet "Dr. Joseph Zammit McKeon

noe vs David Jones noe et" - deciza fis-16 ta' Ottubru 1996; u "Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Godwin Abela noe et" - deciza fid-19 ta' Novembru 1996 fejn il-Qorti cahdet eccezzjonijiet simili maghmulha mis-socjeta' "The Cargo Handling Company Limited" ghal liema sentenzi qieghdha wkoll issir piena riferenza.

Ghal dawn il-motivi l-ewwel u t-tielet u r-raba eccezzjonijiet kif ukoll l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Godwin Abela nomine ghandhom jigu michuda.

Illi t-tieni eccezzjoni ta' Godwin Abela nomine tirrizulta frivola u superfluwa stante li l-attur nomine esebixxa s-surroga relattiva mac-citazzjoni (a. fol. 7 u 8 tal-process).

Illi fis-sitt eccezzjoni tieghu l-konvenut Godwin Abela nomine jikkontendi li s-'survey fees' ma jistghux jigu reklamati stante illi m'humiex danni tal-assikurat. Il-Qorti hija tal-fehma li s-'survey fees' huma necessarji sabiex tigi determinata l-entita' tad-danni li ghalihom huwa responsabbli l-konvenut nomine. L-istess konvenut nomine iccita sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fejn gie deciz li l-konvenut nomine ghandu jbati biss is-'survey fees' li jirrigwardaw il-

vetturi li kellhom hsarat u nuqqasijiet. Din il-Qorti jidrilha li l-konvenut Godwin Abela nomine ghandu jbati s-'survey fees' kollha ghal zewg motivi:-

1. Fil-kaz odjern kien hemm hsarat u nuqqasijiet f'numru konsiderevoli tal-vetturi;

2. Is-socjeta' attrici hija kostretta li tinkorri l-ispejjes ta' dawn is-'surveys' proprju minhabba l-frekwenza ta' kazijiet fejn merkanzija konsistenti f'vetturi ssofri hsarat u nuqqasijiet waqt li tkun fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi anki s-sitt eccezzjoni tal-konvenut Godwin Abela nomine ghandha tigi michuda.

Fadal ghalhekk biss li tigi deciza l-hames eccezzjoni. Jidher minn nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur nomine li l-istess attur nomine jaqbel li l-imghax ghandu jiddekorri biss mid-data tan-notifika tac-citazzjoni li hija data sussegwenti ghal dik eccepita mill-konvenut nomine.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront biss tas-socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Company Limited" u:

1. tiddikjara lil din is-socjeta' responsabbli ghan-nuqqas u hsara li hemm riferenza ghalihom fl-att tac-citazzjoni;

2. tikkundannaha biex thallas lill-attur nomine s-somma ta' erba' mija u tletin lira Maltin u hamsin centezimu (Lm430.50c0) in linea ta' danni sofferti mill-importatur u surrogati lill-attur nomine u dana bl-imghax legali minn notifika tac-citazzjoni lil din is-socjeta' konvenuta u bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.